



European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

February 2022 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



[L-Istat tad-dritt jirrigwarda wkoll l-ekonomija!](#)

L-Istat tad-dritt jirrigwarda wkoll l-ekonomija!

Il-kriżi tal-istat tad-dritt fl-UE qed tmur għall-agħar. Sar političizzat ħafna u wassal għal tilwim legali li jdgħajjef il-

pedamenti stess tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-aspetti politiċi u legali tad-dibattitu dwar l-istat tad-dritt huma preżenti ħafna fid-diskors pubbliku, l-angolu ekonomiku għadu sottovalutat. Dan huwa żball, fil-fehma tiegħi, peress li l-istabbiltà soċjali u ekonomika hija affettwata ħafna mill-istat tad-dritt.

Ir-rispett għall-istat tad-dritt jixpruna t-tkabbir billi jattira lill-investituri, li japprezzaw is-sikurezza, is-sigurtà u t-trasparenza. L-investituri japprezzaw ukoll il-kundizzjonijiet stabbli offruti minn gvernijiet ġusti u etiċi, kif ukoll ġudikatura ġusta u indipendenti. Għalhekk, ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għall-investment u l-kummerċ.

Personalment, nemmen li l-prinċipju tal-istat tad-dritt għandu jkollu rwol aktar b'saħħtu fis-suq intern. Ma jistax ikollna kompetizzjoni ġusta jekk ikun hemm miżuri diskriminatorji (bħal burokrazija u taxxi addizzjonali li japplikaw biss għal investituri barranin) fis-seħħ f'għadd dejjem jikber ta' pajjiżi tal-UE. Ċerti drittijiet, bħad-dritt għall-proprjetà u l-libertà ta' intrapriża, għandhom jiġu infurzati aħjar.

L-aspett ekonomiku tal-istat tad-dritt huwa viżibbli b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir. Għall-pajjiżi kandidati, u dawk kandidati potenzjali, il-prospett ta' adeżjoni mal-UE huwa l-akbar incenċiv biex iwettqu riformi ekonomiċi u jsaħħu l-istat tad-dritt. L-UE għandha tagħti l-eżempju sabiex dawn il-pajjiżi jibqgħu fit-triq tal-adeżjoni u jkomplu jiżviluppaw id-demokraziji tagħhom fl-istil Ewropew. Bħalissa dan huwa partikolarment importanti, għax pajjiżi oħrajn qed iżidu t-tentattivi tagħhom biex jiksbu influwenza, pereżempju, fil-Balkani tal-Punent.

Dawn huma biss ftit mir-raġunijiet għaliex għandu jiġi intensifikat il-monitoraġġ tal-aspetti ekonomiċi tal-istat tad-dritt. Jeħtieġ niffukaw aktar fuq id-dimensjoni ekonomika tal-istat tad-dritt. Dan huwa rwol għalina - il-KESE - matul il-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni li għaddejjin bħalissa dwar l-istat tad-dritt. Personalment, inħeġġeġ b'mod partikolari lill-Kummissjoni Ewropea biex tinkludi kapitolu separat fir-rapport tagħha tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt li jkun jiffoka fuq id-dimensjoni ekonomika. Is-suġġett żgur li ħaqqu riflessjoni u investment fit-tul.

Christa Schweng
President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

1-2 ta' Marzu, Brussell

[Konferenza tal-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari](#)

4 ta' Marzu 2022, Brussell

[Futur sostenibbli għall-industrija Ewropea](#)

8 ta' Marzu 2022, Brussell

[Konferenza "In-nisa fis-suq tax-xogħol"](#)

15-17 ta' Marzu 2022, Brussell



“DRITT G?ALL-PUNT”

ħajja ta' kuljum fl-UE.

Fir-rokna tagħna “Dritt għall-punt” nistaqsu lill-membri tal-KESE dwar opinjonijiet importanti tal-UE li għandhom impatt fuq il-

Għal din l-edizzjoni saqsejna lil **Sandra Parthie** tispjega l-importanza għaċ-ċittadini tat-tema li tinsab fl-Opinjoni *Ekosistemi industrijali, awtonomija strateġika u l-benesseri*, adottata mill-Kumitat fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar.



L-INDUSTRIJA: IL-PROTEZZJONI?MU HUWA SQAQ G?ALL-EWROPA, IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA HIJA L-MUFTIE?

Minn Sandra Parthie

Tfixkil, tranżizzjoni, trasformazzjoni, tibdil strutturali - m'hemmx dubju li qed ngħixu fi “żmien interessanti”. Illum l-Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi megatendenzi b'mod simultanju - it-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li niksbu ekonomiji dekarbonizzati; id-diġitalizzazzjoni u l-ħtieġa li norganizzaw mill-ġdid il-postijiet tax-xogħol; id-deglobalizzazzjoni u l-ħtieġa li nibqgħu ekonomikament rilevanti.

Fis-settur industrijali, il-kompetizzjoni qed issir dejjem aktar ħarxa u dejjem aktar globali. Għal xi żmien l-Ewropej kienu meqjusin bħala l-produtturi globali tar-regoli, li kienu fuq quddiem nett fl-iżviluppi teknoloġiċi u li kienu qed jibbenefikaw minn livell dejjem akbar ta' benessere soċjali u ekonomiku. Madankollu, dawn iċ-“ċertezzi” kollha issa jinsabu mhedda. L-Ewropa tinsab f'riskju li ssir it-tielet rota tal-ordni globali l-ġdid iddominat miċ-Ċina u mill-Istati Uniti.

“Xi jfisser dan?” jistgħu jistaqsu xi wħud. Ir-raġuni għaliex dan huwa importanti ħafna ġejja mill-fatt li l-Ewropa m'għandhiex riżorsi naturali proprji u għal sekli sħaħ ibbażat il-prosperità ekonomika u l-benesseri soċjali tagħha fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-aċċess għar-riżorsi u l-użu tagħhom, mill-fidda sal-ħwawar, miż-żejt sal-gass. Ħafna drabi iddominat l-imsieħba kummerċjali tagħha u sawret regoli u normi

kummerċjali fl-interessi tagħha. Kienet kapaċi tagħmel dan minħabba li kellha s-saħħa fis-suq, kienet kompetittiva u innovattiva.

Issa, is-sitwazzjoni qed tinbidel. Għalkemm l-UE qed taħdem biex tlesti s-suq uniku tagħha, għad baqa' ħafna ostakli interni u bosta interessi nazzjonali qed ixekklu l-proċess. U filwaqt li l-Istati Membri qed jargumentaw dwar dettalji regolatorji, is-saħħa ġenerali tas-suq tal-UE qed tiddgħajjef, speċjalment b'paragun mal-Asja. Huwa mbassar li sal-2030 aktar minn 85 % tat-tkabbir ekonomiku se jsejtn barra mill-UE. Dan ifisser li fis-swieg, u skont ir-regoli u n-normi msawra minn oħrajn, il-valuri Ewropej – mill-protezzjoni soċjali sad-drittijiet tal-ħaddiema, id-djalogu soċjali, l-istandards tax-xogħol u dawk ambjentali – ma jaqdu l-ebda rwol. Dan ifisser ukoll li l-aċċess għar-riżorsi tant meħtieġa qed isir aktar diffiċli għan-negozji u l-intraprendituri Ewropej. Mhux biss minħabba d-domanda globali li twassal għal żieda fil-kompetizzjoni għal dawn ir-riżorsi, iżda wkoll minħabba l-fatt li qed jiżdiedu wkoll il-protezzjoniżmu u l-azzjonijiet ta' koerċizzjoni jew ta' ritaljazzjoni kontra pajjiżi, kumpaniji u ekonomiji. Dawn l-iżviluppi kollha jaffettwaw l-aċċess għar-riżorsi, bħall-materjali tal-art rari u l-materja prima, li l-industrija tal-manifattura tagħna teħtieġ biex tiffunzjona u tipprovdi impjegi ta' kwalità għolja.

Is-sejħa għal "awtonomija" strateġika mhux se ssolvi din il-kwistjoni. Jekk insiru protezzjonisti u nimmiraw għal awtodipendenza ekonomika se nidħlu fi sqaq. L-Ewropa ma tistax tkun awtonoma, minħabba n-nuqqas ta' riżorsi tagħha. Għandha tkompli tiġġieled għal sistema kummerċjali internazzjonali li tiffunzjona.

Iżda teħtieġ strateġija dwar kif għandha tindirizzata din is-sitwazzjoni. Jeħtieġ li l-Ewropa tnaqqas id-dipendenzi unilaterali tagħha kull fejn possibbli, tibdel ix-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni li jagħmlu użu intensiv mir-riżorsi, iżżid il-kapaċitajiet tagħha tal-ipproċessar, tiżviluppa u tinvesti fil-faċilitajiet ta' produzzjoni f'setturi orjentati lejn il-futur, speċjalment fir-rigward ta' oġġetti ta' valur għoli fejn huwa essenzjali li jinżamm il-potenzjal teknoloġiku u innovattiv tal-UE.

Għalhekk huwa bir-raġun li s-sostenibbiltà u n-newtralità klimatika qed isiru l-prinċipji gwida għall-attivitajiet ekonomiċi tagħna. Fattur ewlieni li jinfluwenza l-kompetittività tal-Ewropa huwa l-enerġija – il-mod kif tiġi prodotta u kemm tiswa. Iż-żieda reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija bħalissa tinsab fuq nett tal-aġenda u hija ta' uġiġħ ta' ras kemm għall-familji, kif ukoll għall-industrija u l-politiċi. Din ukoll għandha storja ta' implikazzjonijiet ġeopolitiċi inkwetanti. L-Ewropa għadha tiddependi ħafna fuq produttori esterni għall-provvista tagħha tal-enerġija. It-tibdil ta' dan jaffettwa b'mod pożittiv l-ekonomiji tagħna fuq diversi livelli: l-investment f'aktar enerġiji rinnovabbli u provvista deċentralizzata tal-enerġija jagħti spinta lill-manifatturi Ewropej, inaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂, inaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili bi prezzijiet volatili, u jnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija fuq perjodu twil. Għalhekk dan huwa prijorità politika għall-Ewropa.

Madankollu, fl-istess ħin, l-UE mhijiex blokk monolitiku. Għalhekk, il-kapaċitajiet għall-adattament għal dawn il-ħtiġijiet ġodda u għall-indirizzar tal-elementi fixkiela jvarjaw ħafna bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri. It-tranżizzjoni teħtieġ investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, fl-infrastruttura, fl-attrazzjoni għan-negozji, f'kundizzjonijiet favorevoli għall-produzzjoni u l-manifattura għall-kumpaniji, fit-teknoloġiji u l-materjali ġodda. Iżda wkoll fil-miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema u l-impjegati f'setturi milquta minn bidla strutturali, fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.

Mhux l-Istati Membri kollha huma mgħammra bl-istess mod biex jindirizzaw dawn it-talbiet. Barra minn hekk, il-pandemija aggravat l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri, u l-gvernijiet sabu ruħhom b'listi ta' prijorità jew listi ta' kompiti differenti ħafna minn xulxin. Iżda dawn id-differenzi ma għandhomx jostakolaw il-viżjoni tal-mexxejja politiki – it-tibdil fil-klima mhux se jistenna l-elezzjoni li jmiss, il-finanzi għall-investimenti diġitali u ekoloġiċi huma disponibbli, u t-titjib tal-kapaċitajiet u l-governanza tajba tal-amministrazzjonijiet pubbliċi ma jeħtieġx formula maġika, iżda huwa kwistjoni ta' rieda politika. Iċ-ċittadini huma konxji mill-bidla strutturali li għaddejjha bħalissa. Biex niksbu l-appoġġ tagħhom fl-azzjoni politika biex nindirizzawha se jinvolvi attivitajiet

wesgħin ta' konsultazzjoni u komunikazzjoni, speċjalment mal-imsieħba soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Sandra Parthie hija d-direttur tal-uffiċċju ta' Brussell tal-Istitut Ekonomiku Ġermaniż Hija membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u relatur għall-Opinjoni ["L-ekosistemi industrijali identifikati kif se jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-UE u għall-benessri taċ-ċittadini tagħha?"](#)

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil...

Fil-kolonna tagħna “Mistoqsija lil...”, **Maria Nikolopoulou** twieġeb il-mistoqsijiet tal-qarrejja tal-KESE Info dwar l-oriġini u s-sinifikat tal-Grupp ad hoc dwar l-Ugwaljanza, li saret il-president tiegħu. (ehp)



Maria Nikolopoulou: Kontinwament inrawwmu kultura ta' ugwaljanza

KESE Info: Ġejt eletta President tal-Grupp ad hoc tal-KESE dwar l-ugwaljanza. Liema huma l-aktar kompiti importanti li l-Grupp se jindirizza?

Maria Nikolopoulou: Il-missjoni tal-Grupp dwar l-Ugwaljanza hija li jippromovi kultura trasversali ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni fil-KESE. Għalhekk, l-ewwel pass huwa li jiġu identifikati l-oqsma fejn il-membri jistgħu potenzjalment jirċievu trattament mhux ugwali minħabba l-oriġini, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew it-twemmin tagħhom. Għandna wkoll l-għan li nsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Kumitat tagħna u nilħqu bilanċ bejn il-ġeneri mill-aktar fis possibbli. Bħalissa għandna 108 membru mara (32,82 %). Minn naħa, irridu nżidu l-għadd ta' membri nisa fuq il-perjodu medju/twil min-naħa l-oħra rridu niżguraw li noħolqu l-ispazju u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex in-nisa jkunu aktar attivi. Waħda mill-għodod li rridu ntejbju hija l-ġbir tad-data dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa, mhux biss bħala membri iżda wkoll bħala esperti u kelliema, fl-attivitajiet tagħna.

Il-Grupp kif se jikkoopera ma' istituzzjonijiet tal-UE oħra u organizzazzjonijiet li jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza?

Is-sena l-oħra konna f'kuntatt mal-eks President tal-Kumitat FEMM tal-Parlament Ewropew, **Evelyn Regner**, u l-Viċi President tal-Parlament għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità, **Dimitrios Papadimoulis**, biex niskambjaw l-ideat, l-aħjar prattiki u l-azzjonijiet. Ġejna ispirati u rreplikajna l-inizjattiva tal-Parlament li tiġi organizzata Ġimgħa għall-Ugwaljanza. Adattajna din l-idea għall-ħidma u l-iskeda tagħna stess u, fil-laqgħa tas-sezzjonijiet tagħna fi tmiem is-sena, kellna dibattiti tematiċi dwar suġġetti relatati man-nisa, mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru san-nisa fl-agrikoltura, it-trasport bl-ilma, l-ekonomija u r-relazzjonijiet esterni. Barra minn hekk bħalissa qed norganizzaw avveniment miftuħ li se nxandru u li għandna l-għan li norganizzaw kull sena, biex niċċelebraw Jum il-Mara fit-8 ta' Marzu.

Din is-sena, fit-8 ta' Marzu, nixtiequ nimmiraw l-attivitajiet tagħna lejn il-pubbliku barra l-Kumitat u niġbdulhom l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

KESE Info: Għalfejn taħseb li huwa importanti li s-soċjetà ċivili jkollha Grupp bħal dan?

Il-KESE huwa parti mis-soċjetà ċivili. L-organizzazzjonijiet li aħna bħala membri nappartjenu fihom jitolbu r-rispett u jippromovu l-ugwaljanza fil-livell nazzjonali u lokali u rridu nagħmlu l-istess fil-livell Ewropew fid-"dar tas-soċjetà ċivili organizzata". Biex inkunu konsistenti mal-valuri u t-talbiet tagħna, neħtieġu nipprattikaw dak li nipridkaw, u niżguraw li kontinwament inrawmu kultura ta' ugwaljanza.

Maria Nikolopoulou, membru tal-KESE, President tal-Grupp ad hoc dwar l-Ugwaljanza

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden sorpri?a

Kull xahar, fil-kolonna tagħna "Il-Mistieden Sorpriża", nintroduċu personalità li ħidmitha u l-impenn tagħha huma ta' ispirazzjoni għal oħrajn. B'mod partikolari l-kuraġġ, il-karattru sod u d-determinazzjoni tagħhom biex jieħdu azzjoni huma eżemplari.

Il-mistiedna ta' KESE Info dan ix-xahar hija **Hanna Liubakova**, attivista u ġurnalista mill-Belorussja li qed issemma leħinha biex tagħti messaġġ qawwi li issa, iktar minn qatt qabel, l-oppożizzjoni Belorussa teħtieġ l-Ewropa. Qed tappella lill-Unjoni Ewropea u lil donaturi oħra biex jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-oppożizzjoni u, b'mod partikolari, biex jappoġġjaw lill-ġurnalisti u lill-NGOs fil-ġlieda tagħhom għal-libertà u d-demokrazija.

Hija trid li leħinha jinstema', speċjalment meta titlob għal għajnuna fil-ħolqien ta' kultura ta' oppożizzjoni u dibattitu rispettuż, u fit-tiħiħ tal-proċess ta' trasformazzjoni.

Hanna Liubakova hija ġurnalista mill-Belorussja u siebba mhux residenti tal-Kunsill Atlantiku. Hija taħdem bħala ħarrieġa u mentor fil-qasam ġurnalistiku. Hija bdiet il-karriera tagħha fl-uniku stazzjon televiżiv Belarussu indipendenti, Belsat, fejn ħadmet bħala korrispondent u preżentatriċi tat-TV. Hija rrapportat minn diversi pajjiżi u reġjuni, inklużi l-Belġju, ir-Renju Unit, il-Polonja, Franza u ċ-Ċeċenja. Ingħatat il-Václav Havel Journalism Fellowship f'Radio Free Europe/Radio Liberty fiċ-Ċekja, u Fellowship tal-Istitut Dinji tal-Istampa fl-Istati Uniti. Hanna Liubakova kisbet lawrja fl-Istorja tal-Arti mill-Università Jagiellonian fi Krakovja, il-Polonja fl-2010 u Masters tal-Arti b'distinzzjoni fil-Ġurnaliżmu Internazzjonali mill-Università ta' Brunel f'Londra fl-2017. Ingħatat il-Premju Peter Caws għall-aħjar dissertazzjoni postgradwatorja. (ehp)



Hanna Liubakova: Li nappo??jaw lis-so?jetà ?ivili fil-Belarussja hija kwistjoni ur?enti

Il-Belarussi nbidlu b'mod drammatiku. Wara l-2020 żviluppa moviment popolari mimli enerġija, li laħaq il-qofol tiegħu fi protesti tal-massa, l-akbar moviment wara l-kollass tal-Unjoni Sovjetika. B'kuntrast mal-elezzjonijiet preċedenti, il-livell taċ-

ċittadini huwa rappreżentat minn persuni mill-oqsma kollha tal-ħajja, magħqudin permezz tal-kanali tal-midja soċjali u mmexxijin min-nisa.

F'għajnejn il-poplu, id-dittatur tal-Belarussja Alexander Lukashenko tilef l-appoġġ u l-leġittimità. Beża' mill-mobilizzazzjoni tal-massa. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-reġim qaleb għall-modalità ta' sopravivenza u ffoka l-isforzi tiegħu biex ixejjen kull opinjoni kuntrarja. Fil-mira prinċipali issa hemm is-soċjetà ċivili.

Il-livell ta' repressjonijiet huwa l-ogħla wieħed li qatt kien hemm fl-istorja wara l-indipendenza tal-pajjiż. Minn Awwissu 2020, madwar 40 000 persuna ġew miżmuma f'detenzjoni. L-għadd ta' priġunieri politiċi rikonoxxuti laħaq l-1 000 u għadu qed jikber.

Madankollu, il-Belarussi qatt ma qatgħu qalbhom. Huma ħolqu strutturi li ser isiru l-pedamenti ta' Belarussja ġdida. Żviluppaw riformi, u ġabru fondi biex jappoġġjaw lil dawk fil-bżonn u lil xulxin. L-akbar żewġ inizjattivi ta' finanzjament kollettiv, BySol u ByHelp, qassmu USD 7 miljun biex jipprovdu assistenza finanzjarja u legali lill-vittmi tar-repressjoni. Bi tweġiba, ir-reġim akkuża dawn il-kampanji b'finanzjament tal-estremiżmu u fetaħ kawżi kriminali kontra l-fundaturi tagħhom. F'ċerti każijiet, ġew iffriżati l-kontijiet bankarji tal-persuni li rċevew għajjnuna minn dawn il-programmi.

Meta r-reġim ta' Lukashenko uża l-vjolenza biex jgħakkes il-persuni li jipprotestaw, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ħadmu bla heda biex jirrekordjaw il-ħruxiija tal-istat u biex jeħilsu lill-priġunieri politiċi. Minkejja aktar minn 100 sit web imblukkati u l-ħwienet indipendenti ewlenin kollha li ġew sfurzati jħallu l-pajjiż, in-nies qassmu gazzetti li ppubblikaw huma stess u bagħtu r-rapporti tax-xhieda tagħhom lil ġurnalisti barra mill-pajjiż. Bħalissa hemm 32 ħaddiem tal-midja li jinsabu fil-ħabs, iżda l-fluss tal-informazzjoni ma waqaf qatt.

Is-soċjetà Belarussa tal-lum hija determinata, reżiljenti u kreattiva aktar mill-istat. Iżda tinsab ukoll taħt pressjoni estrema. L-arresti u l-multi jċaħħdu lill-organizzazzjonijiet mir-riżorsi umani. Ħafna rrilokaw lejn pajjiżi oħra, issospendew l-attivitajiet tagħhom, jew kellhom iwettqu ħidmiethom b'mod inviżibbli għar-reġim. Xoljew aktar minn 300 organizzazzjoni mhux governattiva. Fil-Belarussja, l-għażliet ta' finanzjament diġà skarsi saru saħansitra aktar limitati.

Issa hija kwistjoni ta' urġenza li d-dinja demokratika terġa' tikkunsidra l-istrategġija tagħha biex tappoġġja s-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Il-kompitu ewlieni huwa li jiġu ppreservati l-istrutturi fuq il-post u li jiġu megħjuna dawk l-organizzazzjonijiet li kellhom jaħarbu.

- L-ewwel u qabel kollox, l-organizzazzjonijiet tad-donaturi għandhom iqisu ż-żieda fl-ispejjeż operattivi fil-kuntast tar-repressjoni u r-rilokazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet imnaqqsa għas-soċjetà ċivili biex tirċievi dħul fil-Belarussja.

- Għandha titqies il-bidla fil-formati tal-attività, meta l-maniġment jiġi pprovdut barra mill-pajjiż. Il-maġġoranza l-kbira tal-organizzazzjonijiet bħalissa jistgħu jeżistu biss barra mill-pajjiż filwaqt li l-attivitajiet fil-pajjiż fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma possibbli li jsiru b'mod informali u limitat. Ikun kemm ikun ta' sfida, huwa importanti li jiġu appoġġati n-nies fil-pajjiż fejn ħafna organizzazzjonijiet għad għandhom il-persunal tagħhom.

- Bħalissa, ħafna organizzazzjonijiet għandhom nuqqas ta' libertà fl-istrategġija tal-ippjanar, u l-appoġġ jingħata permezz ta' proġetti għal perjodu ta' żmien qasir, li jdum sa sena. Huwa kruċjali li jiġu offruti aktar opportunitajiet għal appoġġ fit-tul u għall-infrastruttura. Dan huwa minnu speċjalment fil-każ tal-organizzazzjonijiet rilokati biex iżommu l-komunikazzjoni tagħhom mal-gruppi destinatari fil-Belarussja. Ir-rabtiet orizzontali bejn l-attivisti u l-inizjattivi għandhom jinbnew u jinżammu.

- Barra minn hekk, id-donaturi u l-benefiċjarji fdati għandhom jiskambjaw informazzjoni biex jiżguraw l-aħjar użu tal-assistenza u li l-GONGOs u l-organizzazzjonijiet favur ir-reġim ma jimmanipulawx l-appoġġ.

Lukashenko jrid iżomm lill-Belarussja fid-dlam. Il-midja teħtieġ aktar appoġġ minn qatt qabel.

- L-ewwel nett, l-għajnuna ta' emerġenza għall-ġurnalisti hija importanti, u din għandha tinkludi appoġġ legali, finanzjarju u psikoloġiku.

- It-tieni, l-appoġġ istituzzjonali huwa essenzjali kemm għall-mezzi tal-midja diġà stabbiliti, kif ukoll għall-iżvilupp ta' network deċentralizzat ta' blogs u kanali ta' komunikazzjoni fil-Belarussja. In-nies għandhom kilba għal kontenut ġdid.

- It-tielet, għandu jingħata appoġġ għal miżuri aktar b'saħħithom immirati kontra l-propaganda u d-diżinformazzjoni. Huwa kruċjali li tiġi miġġielda s-sorveljanza tal-internet u li l-ġurnalisti Belarussi jingħataw għodod biex jevitaw iċ-ċensura kif ukoll biex iżidu l-litteriżmu diġitali tagħhom. Dan huwa komponent sinifikanti li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tas-sovranià tal-pajjiż.

L-appoġġ għas-soċjetà ċivili għandu jirrikjedi strategġija fit-tul, bi flessibbiltà u kreattività biżżejjed. B'hekk, dan jgħin biex tinħoloq il-kultura ta' oppożizzjoni u dibattitu rispettuż, kif ukoll biex jissaħħaħ il-proċess ta' trasformazzjoni.

Hanna Liubakova

A?BARIJET TAL-KESE



Il-KESE: L-UE għandha trażżan il-ksur tal-istat tad-dritt

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għandu pożizzjoni iebes fir-rigward tal-ksur tal-istat tad-dritt fl-UE, u jiddikjara li huwa impenjat li jiżgura li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea jimponu penali dissważivi għoljin fil-konfront ta' Stati Membri li sistematikament ma jirrispettawx l-istat tad-dritt b'mod li jpoġġi l-baġit tal-UE f'riskju.

Fl-Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar [L-istat tad-dritt u l-fond ta' rkupru](#) addottata fis-sessjoni plenarja tal-20 ta' Jannar, il-KESE laqa' r-[Regolament tal-UE 2020/2092](#), li jippermetti lill-Kummissjoni timponi penali finanzjarji f'każ ta' nuqqasijiet sistematiċi fl-istat tad-dritt f'pajjiż partikolari tal-UE, u jappella sabiex ir-Regolament jiġi applikat strettament fl-oqsma kollha li huma rilevanti għall-baġit.

"L-istat tad-dritt huwa l-bażi indispensabbli għal soċjetà demokratika u pluraristika fl-Ewropa u għall-eżistenza kontinwa tal-UE", qal ir-relatur tal-Opinjoni, **Christian Bäumler**.

Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sistematiċi ta' konformità mal-istat tad-dritt, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tuża l-mezzi l-oħra kollha ta' sanzjoni, bħall-proċedura ta' ksur prevista fl-Artikolu 263 tat-TFUE u l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tat-TUE.

Fil-fehma tal-KESE, jekk pajjiż tal-UE jikser sistematikament l-istat tad-dritt, dan dejjem jikkomprometti, jew tal-inqas jipperikola serjament, l-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-UE u huwa ta' detriment għall-baġit tal-UE. Għalhekk huwa essenzjali li l-benefiċjarji kollha tal-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni jkunu konformi mar-regoli ta' trasparenza u jkunu jistgħu juru bis-sħiħ għal xiex qed jintużaw il-fondi.

Il-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ukoll jispjegaw il-miżuri li l-gvernijiet rispettivi se jieħdu sabiex isaħħu l-istat tad-dritt.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pjani nazzjonali ppreżentati s'issa jinkludu ftit wisq inizjattivi f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tagħha ta' dawn il-pjani, il-Kummissjoni ma tatx biżżejjed importanza għall-istat tad-dritt, li l-KESE jqis li huwa ta' dispjaċir.

Fl-Opinjoni, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jingħaqdu mal-kooperazzjoni msaħħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u jappella biex dan isir prerekwiżit għall-parteċipazzjoni fil-programmi ffinanzjati mill-UE. Din il-kooperazzjoni diġà qed tibda tagħti riżultati u x'aktarx tikkontribwixxi fit-tul għal titjib enormi fil-prosekuzzjoni kriminali transfruntiera. (II)



Fis-Sena Ewropea ta' -?g?a?ag? 2022 g?andna ni? guraw ri?ultati tan?ibbli u dejjiema g?a?-?g?a?ag? Ewropej kollha

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) laqa' d-deżinjazzjoni tal-2022 bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, iżda jħoss li din għandha tmur lil hinn minn sempliċi attivitajiet promozzjonali: hija għandha tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-

UE għaż-żgħażaġh bi pjani u impenji ċari bil-għan li jinkisbu riżultati tanġibbli għaż-żgħażaġh Ewropej kollha.

Il-KESE organizza dibattitu dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar, bil-parteċipazzjoni ta' **Anne Kjær Bathel**, f'isem il-programm Mexxejja Żgħażaġħ Ewropej, **Joe Elborn**, Segretarju Ġenerali tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, u **Miriam Teuma**, President tal-Kumitat ta' Tmexxija Ewropew għaż-Żgħażaġħ tal-Kunsill tal-Ewropa.

"Huwa fundamentali li ż-żgħażaġh ikollhom vuċi fit-tfassil tal-politiki tal-lum u ta' għada", qalet **Christa Schweng**, President tal-KESE. "Huma l-futur, għalhekk l-involvement tagħhom u l-investment fihom huma kruċjali biex nibnu soċjetajiet stabbli, paċifiċi u sostenibbli, u biex niżviluppaw politiki li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh".

Il-KESE jinsab f'pożizzjoni unika biex jaħdem u jikkollabora ma' networks taż-żgħażaġh, u jinsab lest u ħerqan biex ikollu rwol ewlieni fis-Sena taż-Żgħażaġħ, billi jibni fuq l-inizjattivi ta' suċċess tiegħu, bħal L-Ewropa Tiegħek, Leħnek, ir-Roundtables taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà, u s-Summit taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima tal-UE li jorganizza fil-bidu tas-sajf.

Il-KESE jistenna bil-ħerqa biex jagħti kontribut pożittiv għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ trid tipproduċi riżultati tanġibbli għaż-żgħażaġh Ewropej f'oqsma ta' politika li jħallu impatt fuq ħajjithom. (ks)



Il-KESE jappo??ja l-prijoritajiet tal-Presidenza Fran?i?a tal-UE

L-irkupru, is-saħħa u s-sens ta' appartenenza huma t-tliet objettivi ewlenin tal-Presidenza Franċiża, li l-KESE jikkondividi u jappoġġja. Dan enfasizzatu l-President tal-KESE, Christa Schweng, waqt is-sessjoni plenarja tad-19 ta' Jannar 2022 meta indirizzat lis-Segretarju tal-Istat Franċiż għall-Affarijiet Ewropej, Clément Beaune.

“Bi pjaċir nosserva li ħafna mill-prijoritajiet tagħkom – Ewropa aktar sovrana, mudell Ewropew ġdid għat-
tkabbir u Ewropa umana – huma similari ħafna għal dawk tal-KESE”, qalet **is-Sinjura Schweng**, waqt li
enfasizzat l-impenn u l-kontribut tal-KESE fit-tiswir ta’ Ewropa reżiljenti, b’saħħitha, sostenibbli u inklużiva.

Is-Sur Beaune enfasizza li l-Prezidenza Franċiża tgħin tipprepara lill-Ewropa ta’ għada, b’ħarsa lejn l-2030,
waqt li tpoġġi l-bażi għal bidliet estensivi relatati mal-valuri, l-investment, iż-żgħażaġġ, il-kultura u s-saħħa.
Tingħata attenzjoni speċjali lill-promozzjoni tal-valuri li jgħaqqduna lkoll iżda li ddgħajfu f’dawn l-aħħar snin,
forsi minħabba li kienu meqjusa bħala fatt, bħall-istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi. Huwa qal li “Irridu
nrawmu sens ta’ appartenenza u niddefendu l-valuri tagħna. Mhux se jkun hemm proġett politiku mingħajr
din l-identità Ewropea komuni lil hinn mill-identitajiet nazzjonali”.

B’referenza għall-konklużjonijiet li jmiss tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, **is-Sinjura Schweng** żiedet
li “bħala dar is-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, aħna nistgħu nkunu l-aħjar alleati tagħkom f’din il-fażi
finali sensitiva. Se jkun kruċjali li jiġu żgurati riżultati tanġibbli u segwitu trasparenti. In-nies se jkollhom
bżonn it-trasparenza u jaraw li l-UE qed tagħmel dak li tgħid. Ir-rwol tal-Prezidenza Franċiża, għalhekk, se
jkun kruċjali għas-suċċess tal-Konferenza u biex l-UE tmur lura għand iċ-ċittadini tagħha.”

Is-Sur Beaune wiegħed li mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa se jinsiltu proposti konkreti li “huwa
essenzjali li jiġu implimentati b’mod rapidu, peress li l-Konferenza ma tistax tkun eżerċizzju artifiċjali iżda
hija maħsuba li tħejji l-bażi għal riforma ġenwina.” (mp)



[Kura ta’ kwalità suffiċjenti, sostenibbli u a?? essibbli hija vitali g’all-anzjani](#)

**Il-KESE jemmen bis-sħiħ li mudell ta’ kura għall-anzjani
dipendenti għandu jiġi integrat fit-tfassil tal-politika tal-UE,
peress li l-proporzjon tal-popolazzjoni li għandha aktar minn 80
sena huwa mistenni li jkun aktar mid-doppju sal-2050.**

Il-pandemija ħarġet fid-dieher xi fallimenti f’dan il-qasam u l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi
Strateġija għall-Kura Ewropea ġdida hija pass fid-direzzjoni t-tajba, fil-fehma tal-KESE. Madankollu, iridu
jgħidu tagħhom l-istituzzjonijiet konsultattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-
anzjani.

Fl-[Opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu Lejn mudell ġdid ta’ kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija
tal-COVID-19](#), adottata fis-sessjoni plenarja ta’ Jannar, il-KESE ta’ ħarsa iktar mill-qrib lejn diversi mudelli ta’
kura fit-tul għal persuni ikbar minn 65 sena li tilfu l-awtonomija tagħhom jew huma dipendenti fuq djar tal-
kura istituzzjonali.

Miguel Ángel Cabra De Luna, relatur tal-Opinjoni, enfasizza li: “Il-kura għall-anzjani kollha trid tkun
pedament tal-politiki tal-UE, b’rabta mal-konformità mal-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet
Soċjali.”

Il-KESE ppropona l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew għall-kura tal-anzjani, li jippermetti li tingābar data statistika biżżejjed, li jsir qbil bejn l-aħjar prattika ta' mudelli statali differenti, li jiġu identifikati dgħufijiet strutturali fis-sistemi nazzjonali, li jingħata appoġġ tekniku sabiex tiġi faċilitata l-adozzjoni ta' linji gwida ta' politika tal-UE u jgħin fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Barra minn hekk, l-Opinjoni tal-KESE ssejjaħ għal Sena Ewropea tal-Anzjani, bħala rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali tal-anzjani u l-kontribut tagħhom lejn is-soċjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Matul in pandemija, id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-anzjani tqiesu parzjalment biss, u dan il-fatt żvela n-nuqqasijiet kunċettwali, strutturali u funzjonali tal-mudelli tal-kura tal-anzjani. F'kuntest usa', din is-sitwazzjoni għenet biex jiġi enfasizzat aktar il-fatt li t-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa sfida strateġika ewlenija għall-UE u l-Istati Membri tagħha. (at)



[Is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol: riskji okkupazzjonali u odra jitolbu djalogu soċjali b'saħħa?](#)

Minkejja l-bidla fir-riskji okkupazzjonali li għabt magħha d-diġitalizzazzjoni tax-xogħol - li waslet għal żieda qawwija fl-istress u f'kundizzjonijiet ikkawżati minn burnouts jew korrimenti ergonomiċi, u waslet ukoll għal tnaqqis żgħir fl-għadd ta'

inċidenti fuq il-post tax-xogħol - id-djalogu soċjali jibqa' strumentali fil-promozzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) qal fl-Opinjoni "Id-djalogu soċjali bħala għodda għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol".

"Il-miżuri tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mwettqa permezz tad-djalogu soċjali jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-saħħa tal-ħaddiema, iżda jistgħu jtejjbu l-profittabbiltà tal-intrapriżi u jnaqqsu l-ispejjeż tal-kura u l-assenteiżmu. L-ispiża għas-soċjetà minħabba korrimenti u mard fuq il-post tax-xogħol hija stmata li tilħaq EUR 476 biljun jew 3.3% tal-PDG tal-UE," qalet ir-relatur tal-Opinjoni, **Franca Salis-Madinier**.

Madankollu, il-kwalità tad-djalogu soċjali tvarja fi Stati Membri differenti, li jfisser li l-applikazzjoni ta' ftehimiet awtonomi konklużi mal-imsieħba soċjali fil-qasam tal-OSH kultant ma tkunx indaqs madwar l-UE.

Skont il-KESE, id-djalogu soċjali Ewropew irid jissaħħaħ sabiex tiġi żgurata protezzjoni uniformi għall-ħaddiema kollha fl-UE.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi kriterji ċar sabiex tiżgura li l-ftehimiet iffirmati mill-imsieħba soċjali jiġu implimentati fl-Istati Membri kollha, speċjalment fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li qalet li l-Kummissjoni mhijiex obligata li taġixxi skont it-talbiet tal-imsieħba soċjali biex

timplimenta l-ftehimiet.

Madankollu, barra minn dialogu soċjali produttiv, l-istabbiliment tal-linji gwida ġenerali dwar l-OSH jeħtieġ qafas regolaturju b'saħħtu. Il-ftehimiet li jirriżultaw f'direttivi tal-Kunsill wara li ssir talba miż-żewġ partijiet firmatarji jidhru li huma aktar effettivi peress li jiżguraw pjani ta' azzjoni speċifiċi fl-Istati Membri kollha. Għal dan il-għan, il-KESE jappella għal linji gwida ġodda dwar it-telexogħol, pożizzjoni iżjed ambizzjuża fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kanċer u għal direttivi tal-UE dwar disturbi muskuloskeletalni u riskji psikosoċjali, li qed isiru theddida ewlenija okkupazzjonali għall-ħaddiema Ewropej.

Il-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE ressaq diversi emendi għall-Opinjoni, fejn esprima l-oppożizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' sejħiet għal miżuri regolatorji ġodda, u pereżempju, l-azzjoni proposta tal-UE rigward disturbi muskuloskeletalni u riskji psikosoċjali, kif ukoll l-abbozzar ta' linji gwida ġodda dwar it-telexogħol.

L-Opinjoni, li kienet mitluba mill-presidenza Franċiża tal-UE, ġiet adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE f'Jannar, b'172 vot favur, 32 vot kontra u 70 astensjoni. (II)



[Il-KESE jappella għal ombudsmen finanzjarji għal-SMEs u approva ta' 'negozzju għal-ewwel' għal-IA fl-Ewropa](#)

Il-KESE appella għall-ħolqien ta' ombudsmen speċjali sabiex l-SMEs fl-Ewropa jingħataw għajna biex jindirizzaw il-kwistjonijiet finanzjarji u ta' finanzjament tagħhom. Il-Kumitat jenfasizza wkoll li, biex l-SMEs jużaw l-IA, jeħtieġ li jkun hemm ir-rieda politika biex jingħataw appoġġ fil-proċess.

Fil-plenarja tiegħu ta' Jannar, il-KESE adotta żewġ rapporti li jitrattaw xi wħud mill-aktar kwistjonijiet urġenti li għandhom impatt fuq l-SMEs.

Fl-Opinjoni dwar [Strateġija għall-SMEs tal-ġenerazzjoni li jmiss - It-tiħiħ ta' implimentazzjoni effettiva u rapida](#), il-KESE jenfasizza li l-aċċess għall-kreditu, il-likwidità, il-fluss tal-flus u l-pagamenti huma kollha ostakli kritiċi għall-SMEs, speċjalment bil-COVID - u b'hekk il-proposta li jinħoloq network ta' ombudsmen finanzjarji u ta' finanzjament biex:

- jippromovi l-aċċess tal-SMEs għall-fondi;
- iwettaq analiżi dwar jekk u kif il-banek intermedjarji jużaw strumenti finanzjarji sabiex jilħqu lill-SMEs l-aktar fil-bżonn ta' riżorsi finanzjarji;
- ikun medjatur għal tilwim bejn l-SMEs u l-fornituri ta' servizzi finanzjarji u ta' likwidità.

Il-KESE jissuġġerixxi wkoll:

- il-ħolqien ta' task force dwar il-likwidità tal-SMEs biex tissorvelja l-miżuri l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea biex ittejjeb il-likwidità fuq perjodu qasir tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs);
- l-introduzzjoni ta' formola ta' applikazzjoni unika biex jittaffa l-piż għall-kumpaniji b'riżorsi umani u timijiet legali limitati li jixtiequ japplikaw għall-fondi tal-UE.
- l-għoti ta' aktar opportunitajiet għall-SMEs biex jitfgħu offerti u jirbħu kuntratti pubbliċi fl-Istati Membri.

Fl-Opinjoni dwar *L-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju Ewropej (MSMEs)*, il-KESE jenfasizza li hija meħtieġa rieda politika b'saħħitha biex jingħelbu l-ostakli li jfixklu lill-MSMEs li jħaddnu l-IA.

Hemm bżonn rieda politika biex tinbena l-fiduċja, bl-għajjnuna tal-imsieħba soċjali, il-kmamar tal-kummerċ, l-assoċjazzjonijiet professjonali u oħrajn biex jindirizzaw it-tħassib tal-MSMEs fil-prattika.

Il-KESE jissuġġerixxi sett ta' miżuri li jirrikjedu wkoll rieda politika kontinwa - l-ewwel u qabel kolloxx:

- edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jintużaw għall-promozzjoni ta' ħakma ġenerali tal-IA
- jiġi żgurat li l-MSMEs ikollhom aċċess faċli kemm għall-finanzjament pubbliku kif ukoll għal dak privat għall-IA;
- jiġi garantiti infrastruttura u konnessjonijiet kullimkien;
- jiġi promoss l-għarfien dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà;
- jixxerdu bl-aktar mod wiesa' possibbli l-aħjar Prattiki u stejjer ta' suċċess. (dm)



L-ekonomija soċjali: nadattaw l-investimenti biex nattiraw aktar finanzjament, jgħid il-KESE

Hemm bżonn ta' strumenti finanzjarji ġodda biex l-ekonomija soċjali tibqa' tikber lil hinn mill-istimolu pprovdut mill-programmi pubbliċi, jgħid rapport ġdid mill-KESE, li jappella wkoll għal taħriġ finanzjarju biex jitrawwem il-finanzjament privat.

L-ekonomija soċjali tista' attira investimenti adatti biss jekk ikun hemm strumenti finanzjarji apposta li jibbilanċjaw l-impatt soċjali mar-ritorn aċċettabbli għall-investituri, u riskji medji għall-intrapriżi soċjali, jgħid il-KESE f'[Opinjoni](#) adottata f'Jannar.

Ir-relatur **Giuseppe Guerini** jgħid li "Hemm bżonn ġenwin li niffaċilitaw il-konnessjoni bejn id-dinja tal-invesiment privat u d-dinja tal-ekonomija soċjali. Nemmu li ta' spiss l-operaturi finanzjarji jaraw l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali bħala riskju għoli sempliċiment minħabba li jużaw għodod li jintużaw b'mod ġenerali sabiex jiġu vvalutati tipi oħra ta' intrapriżi".

L-investimenti relatati mal-impatt soċjali għandhom jindirizzaw dawn il-kriterji:

- ikollhom għan ċar biex jinħoloq impatt soċjali;
- jappoġġjaw l-intrapriżi li huma definiti b'mod ċar bħala intrapriżi tal-ekonomija soċjali;
- jiġu stabbiliti livelli ta' stennija abbażi ta' ritorni ekonomiċi ġusti, sostenibbli u trasparenti, anke jekk inqas mill-medja tas-suq;
- jippermettu li parti mill-assi jerġġu jiġu investiti f'investimenti oħra b'għanijiet soċjali;
- ikollhom impatt li jitkejjel;
- ikunu konsistenti mal-valuri tal-intrapriża li jinvestu fiha.

Għarfien reċiproku sod huwa essenzjali biex jintaqqas id-distakk tal-investment. Il-korelatur **Marie Pierre le Breton** tgħid li “L-atturi finanzjarji jeħtieġu jkunu appoġġjati aħjar biex jifhmu r-realtajiet tal-intrapriżi soċjali, u jgħinu lil dawn tal-aħħar jifhmu d-dinja u l-istrumenti ta' finanzjament”.

It-tixrid ta' prattiki tajbin, bħaċ-Ċentru tal-Għarfien Espert għall-Investment li jħalli impatt tal-Finlandja, jew il-mudelli ta' investment “ħallas bir-riżultati” ta' Franza, jista' jgħin ukoll. Madankollu, għandhom jiġu stabbiliti indikaturi għall-UE kollha biex jiġi vvalutat l-impatt. Dawn jistgħu jkunu indikaturi oġġettivi, bħal impjegji maħluqa, jew oħrajn suġġettivi, bħall-benesseri tal-komunità.



[Il-KESE jipprovdi riżetta għas-sigurtà u s-sostenibbiltà alimentari](#)

FI-Opinjoni dwar [Is-sigurtà alimentari u sistemi tal-ikel sostenibbli](#), li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja tad-19 ta' Jannar 2022, il-KESE identifika l-mezzi ewlenin għall-produzzjoni sostenibbli u kompetittiva tal-ikel fl-UE, biex titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet u tiżdied l-awtonomija tal-UE fil-proteini.

Biex politika tal-ikel komprensiva tkun tassew rilevanti għall-konsumaturi Ewropej, huwa essenzjali li l-prezz u l-kwalità tal-ikel prodott b'mod sostenibbli fl-UE jkunu kompetittivi. Dan ifisser li s-settur agroalimentari Ewropew huwa kapaċi jwassal l-ikel għall-konsumaturi bi prezzijiet li jinkludu spejjeż żejda għal kriterji bħalma huma s-sostenibbiltà, it-trattament xieraq tal-annimali, l-ispejjeż ogħla tal-input, is-sikurezza alimentari u l-valur nutrizzjonali, iżda wkoll redditu ġust għall-bdiewa, u fl-istess ħin iżomm il-pożizzjoni tiegħu bħala l-għażla ppreferuta għall-parti l-kbira tal-konsumaturi.

Għalkemm il-Patt Ekoloġiku Ewropew joffri opportunità biex jiġi affermat mill-ġdid il-“kuntratt soċjali tal-ikel” bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha permezz tal-prinċipji stabbiliti fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u fl-Istrateġija għall-Bijodiversità, għad hemm ħafna xi jsir. “Il-Kummissjoni tipproponi ftit wisq azzjonijiet konkreti biex issaħħaħ is-settur agroalimentari u l-introjtu tal-bdiewa u tal-ħaddiema, u biex tippromovi prezzijiet ġusti u l-valur tal-ikel”, enfasizza l-korelatur, **Peter Schmidt**.

Kif ġie enfasizzat mir-relatur tal-Opinjoni, **Arnold Peuch d'Alissac**, “...it-trawwim ta' awtonomija strateġika miftuħa, l-iżgurar ta' reċiproċità tal-istandards kummerċjali, il-promozzjoni tar-riċerka, it-titjib tad-diġitalizzazzjoni, l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u żrieragħ u l-iffaċilitar tal-aċċess għat-taħriġ tal-bdiewa

fir-rigward ta' dawn it-teknoloġiji huma fost il-mezzi ewlenin biex tiġi salvagwardata l-kompetittività tal-produtturi Ewropej”.

It-titjib tal-produzzjoni tal-UE ta' legumi, bus u ħemes b'kontenut għoli ta' proteini u ta' żrieragħ żejtnin u ta' pasta taż-żrieragħ żejtnin ikun ta' benefiċċju għall-bdiewa tal-UE u jkollu impatt pożittiv fuq il-klima, il-biodiversità u l-ambjent. (mr)



It-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni je?tie? investment

Jeħtieġ li l-UE tadatta t-trasport Ewropew b'mod kontinwu għall-ħtiġijiet attwali u futuri, speċjalment fid-dawl tal-bidliet fid-domanda u x-xejra 'l fuq fil-fatturat tal-portijiet marittimi. Il-karatteristiċi ewlenin iridu jkunu l-multimodalità u t-tbaħħir intelliġenti, li jisfruttaw il-vantaġġi tad-diversi modi tat-trasport biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli, filwaqt li fl-istess waqt tiżdied is-sikurezza u jitnaqqas il-piż ambjentali.

Dan huwa l-messaġġ ewleni tal-[Opinjoni](#) abbozzata minn **Mateusz Szymański** u adottata fis-sessjoni plenarja ta' Jannar tal-KESE, li tindirizza l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "[NAIADES III: It-tisħiħ tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni Ewropej li jibqa' validu fil-futur](#)".

Waqt li tkellem fil-marġini tal-laqgħa, is-**Sur Szymański** qal: "NAIADES III huwa pjan ta' azzjoni importanti. Il-KESE jappoġġja l-isforzi biex jiżdied is-sehem tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni fit-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Hemm potenzjal kbir f'dan il-qasam, li għadu mhux sfruttat. Neħtieġu rieda politika u impenn f'ħafna livelli biex nistabbilixxu miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura u l-promozzjoni tal-ilmijiet navigabbli interni bħala settur tal-karrieri. Anke n-network TEN-T jeħtieġ li jiġi aġġornat biex iwieġeb għal xejriet ġodda tat-trasport." (mp)



Ir-reġjuni ultraperiferi?i huma kru?jali g'all-futur tal-UE

F'Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-UE, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-benefiċċji sostanzjali li r-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jġibu għall-futur tal-Ewropa.

Jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri adegwati biex tiżgura li dawn ir-reġjuni ma jitilfux opportunitajiet fir-rigward tal-irkupru wara l-COVID-19 jew tat-tranżizzjonijiet klimatiċi, soċjali u diġitali. Il-KESE jissuġġerixxi

passi ewlenin ġodda għall-awtonomija tal-ikel u l-enerġija fir-reġjuni ultraperiferiċi, it-tranżizzjoni ekoloġika, it-turiżmu sostenibbli, l-inklużjoni soċjali, l-involviment tas-soċjetà ċivili, il-ħiliet u l-problema tal-ilma u s-sanità.

Ir-relatur **Joël Destom** qal li “Ir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jitqiesu bħala bankijiet tat-test għall-promozzjoni tal-progress fuq skala globali, u jistgħu jsiru mudelli li jistgħu jiġu replikati”.

Il-korelatur **Gonçalo Lobo Xavier** qal, “Il-KESE jappella sabiex jiġi żgurat l-aċċess diġitali fir-reġjuni ultraperiferiċi, u li jiġi inkluż proġett ewlieni għall-aċċess għall-ilma u s-sanità fil-programmi operattivi li jmiss”. (tk)



[Il-KESE jissu?erixxi ?idiet ewlenin g?ar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika ekonomika ta?-?ona tal-euro g?all-2022](#)

F’Jannar 2022, il-KESE adotta Opinjoni li ndirizzat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2022, waqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi attwali.

Ir-relatur **Juraj Sipko** kkumenta: “Waħda mill-isfidi ewlenin għall-ekonomija taż-żona tal-euro hija kif għandna nindirizzaw l-akkumulazzjoni ta’ livelli għoljin ta’ dejn pubbliku, il-livell għoli ta’ inflazzjoni u kif għandna nkomplu bil-proċess ta’ trasformazzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, filwaqt li niffukaw ukoll fuq l-istabilità soċjali”.

Il-KESE huwa tal-fehma li l-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir tal-UE m’għadux adatt għal dawn il-kundizzjonijiet. Il-proġett tal-unjoni bankarja jrid javvanza aktar malajr u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali jeħtieġ li titlesta. Il-KESE jinsab imħasseb ukoll dwar l-approfondiment tal-istabilità soċjali u jappella għal indikaturi ġodda u aktar adatti għall-inugwaljanza u l-faqar. (tk)



[Il-KESE jwissi dwar l-impatt so?joekonomiku negattiv possibbli tal-proposta dwar it-tassazzjoni tal-prodotti tal-ener?ija](#)

F’Opinjoni adottata f’Jannar 2022, il-KESE jilqa’ l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li tiċċara u taġġorna l-qafas eżistenti tal-

UE u li tistruttura t-tassazzjoni Ewropea b'mod li jiffavorixxi l-enerġija sostenibbli mhux fossili.

Madankollu, il-KESE jinsab imħasseb ukoll dwar l-impatt soċjoekonomiku negattiv possibbli ta' xi wħud mill-miżuri li jinsabu fil-Proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea.

“Nappellaw għal attitudni aktar flessibbli dwar il-bijofjuwils ammissibbli u t-tassazzjoni tagħhom” qal ir-relatur **Stefan Back**.

Il-Kumitat jirrakkomanda wkoll li jintuża l-kunċett ta' “faqar enerġetiku”, aktar milli “unitajiet domestiċi vulnerabbli”, jappella sabiex it-taxxi ambjentali jiġu ritornati lill-persuni l-aktar milquta, u jemmen fl-aġġustament tas-sistema tal-ipprezzar tal-UE biex tirrifletti l-prezz tal-forom kollha tal-enerġija.

“Il-KESE jiddispjaċih ukoll li fil-proposta ma ġewx inklużi miżuri adegwati biex jiġi evitat il-faqar tal-mobbiltà” żied jgħid il-korelatur **Philippe Charry**. (tk)



L-a??ess g?all-materja prima qed isir fundamentali biex it-tran?izzjoni doppja tirnexxi

Ir-rwol ewlieni tal-materja prima ġie diskuss f'ċertu dettal f'konferenza ta' livell għoli ospitata mill-KESE fil-31 ta' Jannar. Il-Konferenza ffokat speċifikament fuq żewġ aspetti ewlenin: ir-rwol essenzjali li għandha l-materja prima kritika biex tiġi

żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-importanza taċ-ċirkolarità f'termini tal-ħtieġa li jinħoloq suq għall-materja prima sekondarja fl-Ewropa.

“Għall-biċċa l-kbira tal-materja prima, l-Ewropa tiddependi ħafna mill-bqija tad-dinja. L-Ewropa għandha tkun fit-tmexxija u turi li din l-industrija tista' tkun sostenibbli f'termini ambjentali u umani,” qalet il-President tal-KESE **Christa Schweng**, li enfasizzat ukoll il-ħtieġa għal sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi li jaħsbuha l-istess madwar id-dinja.

Thierry Breton, il-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, indirizza l-konferenza permezz ta' messaġġ bil-vidjo u qal, “Ser neħtieġu 60 darba aktar litju sal-2050 għall-batteriji elettriċi tal-vetturi. M'għandi l-ebda dubju li l-ekonomija ċirkolari se ssir il-modus operandi l-ġdid għall-materja prima. Din se tkun għodda kruċjali oħra għad-dispożizzjoni tagħna biex niżguraw is-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħna. Il-KESE u l-Kummissjoni Ewropea huma tal-istess fehma”.

Agnès Pannier-Runacher, Segretarju tal-Istat Franċiż għall-Industrija, irrikonoxxiet il-materja prima kritika bħala kwistjoni ewlenija għall-awtonomija tal-Ewropa fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali bbażata fuq mudell ċirkolari. Filwaqt li l-awtonomija tal-enerġija tal-Ewropa hija waħda mill-prijoritajiet tal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kompliet tgħid li “ma nistgħux nippermettu li d-dipendenza tagħna mill-fjuwils fossili tinbidel f'dipendenza ġdida minn dawn il-metalli strateġiċi”.

Il-membri tal-bord qablu li l-Ewropa trid turi tmexxija globali f'dan il-qasam billi tgħolli l-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza tagħha għal livelli mingħajr preċedent.

“Il-KESE huwa konxju bis-sħiħ tal-ħtieġa urġenti li nindirizzaw din il-kwistjoni. Il-KESE jemmen li l-azzjonijiet previsti mill-Kummissjoni Ewropea huma essenzjali jekk irridu nżommu u nsaħħu l-bażi industrijali tal-UE,” qal il-President tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali tal-KESE, **Pietro Francesco De**

Lotto, li ppresjeda l-konferenza.

Bħala konklużjoni, l-istituzzjonijiet pubbliċi għandhom ikomplu jingħaqdu u jaġixxu, u s-soċjetà ċivili jeħtiġilha tkompli tinvolvi ruħha f'dan il-qasam.

Il-konferenza kienet parti mill-attivitajiet tal-KESE b'rabta mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. (ks)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



[Il-Patt Ekoloġiku se jbidel kollox, inklu?a l-?eopolitika](#)

Minn Dimitris Dimitriadis, membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE u l-President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni tal-KESE

Bil-għan li jiddekarbonizza l-ekonomija tal-UE, il-Patt Ekoloġiku Ewropew se jwassal għal bidla radikali li se tirrivoluzzjona l-ekonomija tagħna, is-soċjetà tagħna u r-relazzjonijiet tagħna mal-bqija tad-dinja.

Permezz tal-COP26, fl-aħħar kulħadd jirrikonoxxi l-urġenza li tittieħed azzjoni. Fl-istess ħin, l-UE għadha minn ta' quddiem f'din it-tellieqa kontra l-ħin: huwa r-rwol tal-Ewropa li tmexxi bl-eżempju. Huwa wkoll fl-interess tagħna li nimmodernizzaw l-ekonomija tagħna malajr, sabiex nibqgħu jew insiru mexxejja dinjija fir-riċiklaġġ u l-ekonomija ċirkolari, fil-qbid tad-diossidu tal-karbonju mill-atmosfera, fl-idroġenu ekoloġiku, fl-impjanti tal-enerġija solari u tal-enerġija mir-riħ.

L-Ewropa hija l-akbar suq globali, u l-effetti tagħna li nimxu lejn in-newtralità klimatika, li mill-fjuwils fossili neqilbu għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u t-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika, se jinħassu kullimkien. Biżżejjed wieħed jaħseb dwar l-importazzjonijiet taż-żejt u l-gass tagħna mir-Russja u l-Alġerija.

Fid-dawl tal-impenn tradizzjonali tagħna għall-multilateriżmu, jeħtieġ li nqisu r-riperkussjonijiet fuq il-pajjiżi terzi, u jeħtiġilna ngħinu lill-pajjiżi aktar dgħajfa, dawk li kkontribwew inqas għat-tiħin globali iżda qed iħallsu prezz għoli għall-konsegwenzi tiegħu. Bl-istess mod, l-UE għandha tibda negozjati immedjati mal-eqreb ġirien tagħna, sabiex tgħinhom jilħqu l-għanijiet tagħhom f'qafas ta' żmien adegwat.

L-Istati Uniti jinsabu kawti dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri tagħna, peress li huma jqisuh bħala miżura potenzjalment protezzjonista. Min-naħa l-oħra, l-Ewropa ma tistax tneħħi dan il-mekkaniżmu peress li huwa mod kif nimpedixxu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Dwar id-dipendenza minn barra, hemm ukoll il-kwistjoni taħraq ta' materji primi kritiċi. Iċ-Ċina tipprovdi 95 % tal-elementi tal-materjali tal-art rari kollha użati fid-dinja għal teknoloġiji ġodda. Wasal iż-żmien li nieħdu

azzjoni u niddiversifikaw is-sorsi tal-provvista tagħna.

Għandna x-xjenza, it-teknoloġija, il-possibilitajiet ta' finanzjament u l-ideat. Dak li m'għandniex huwa ż-żmien: l-UE jeħtiġilha taġixxi malajr, u l-KESE se jsegwi l-iżviluppi, isemma' l-fehmiet u l-ideat tas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha.

Aqra l-artikolu kollu hawn europa.eu/!39cXrP (kr)



[Id-djalogu soċjali b'ala g'odda g'all-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Fi żmien meta tipi differenti ta' kriżijiet u tranżizzjonijiet qed jolqtu d-dinja tax-xogħol id-djalogu soċjali jista' jkun kruċjali biex jintlaħqu tliet objettivi ewlenin: l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidliet li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi; it-titjib tal-prevenzjoni ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard relatat max-xogħol; u t-tnejn għal kriżijiet potenzjali futuri tas-saħħa.

Fejn hemm bżonn, flimkien mad-djalogu soċjali, jeħtieġ jiġu adottati miżuri regolatorji mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll linji gwida għal oqsma bħat-telexogħol u l-aġġornament tal-Ftehim Qafas Ewropew tal-2002.

Il-pandemija hija opportunità fejn jinħolqu kapaċitajiet kollettivi ġodda biex jiġu indirizzati l-kriżijiet futuri u biex jittaffew l-effetti tagħhom fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-pjani ta' rkupru għandhom jippermettu li jissaħħaħ ir-rwol tal-imsieħba soċjali fl-Istati Membri fejn l-inqas li għandu effett.

L-ispiża tal-mard relatat max-xogħol bħall-mard tal-qalb u l-burn out jeħtieġ li tiġi monitorjata bir-reqqa sabiex jiġu identifikati l-miżuri rilevanti fil-livell adatt skont il-Viżjoni Żero, bil-mira li ma jkunx hemm aktar imwiet relatati max-xogħol.

Il-miżuri tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mwettqa permezz tad-djalogu soċjali jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-saħħa tal-ħaddiema, jistgħu jtejbu l-profittabbiltà tal-intrapriżi, inaqqsu l-ispejjeż tal-kura u jnaqqsu l-assenteiżmu. L-ispiża għas-soċjetà minħabba l-korrimenti u l-mard relatati max-xogħol hija stmata għal 3,3 % tal-PDG tal-UE (EUR 476 biljun), jiġifieri iktar minn nofs il-fondi tal-pjan ta' rkupru.

Din hija r-raġuni għaliex għandna noħolqu kultura ta' prevenzjoni, u dan għandu jnvolvi t-taħriġ tal-atturi tad-djalogu soċjali, is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji emerġenti, u t-tisħiħ u t-tixrid tar-riżorsi disponibbli.

In-negozjati bipartitiċi tal-imsieħba soċjali Ewropej huma ta' importanza kbira biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, l-applikazzjoni ta' ftehimiet awtonomi kultant tkun irregolari, u tvarja skont is-saħħa relattiva tad-djalogu soċjali u d-diversità tas-sistemi ta' relazzjonijiet relatati max-xogħol fl-Istati Membri. Din hija r-raġuni għaliex hija meħtieġa regolamentazzjoni

f'ċerti oqsma, b'hal pereżempju għar-riskji psikosoċjali u l-mard muskuloskeletal. (prp)



Il-membri tal-Grupp Diversità Ewropa jtkellmu dwar l-aspettattivi tagħhom g'all-Presidenza Fran? i?a

Mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE

Hekk kif bdiet il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-membri Franċiżi tal-Grupp Diversità Ewropa jaqsmu l-aspettattivi tagħhom dwar dan is-semestru, mit-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea sal-bidla fl-enfasi minn fuq l-UE għal fuq iċ-ċittadini tal-UE.

Fl-1 ta' Jannar 2022, Franza ħadet f'idejha l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill tal-UE. Waħda mill-prijoritajiet tagħha se tkun it-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea. Il-programm tal-Presidenza Franċiża tfassal abbażi ta' tliet objettivi ewlenin, fosthom Ewropa aktar umana li tisma' t-tħassib taċ-ċittadini fil-qafas tal-Konferenza li għaddejja b'ħalissa dwar il-Futur tal-Ewropa.

Il-KESE, li jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jappoġġja dan l-objettiv u huwa involut b'mod attiv fil-Konferenza. Il-membri Franċiżi tal-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE għandhom ħafna aspettattivi.

Dominique Gillot ([FG PEP](#), [CNCPH](#)) tistenna li "tiġi affermata mill-ġdid l-idea ta' Ewropa inklużiva, f'termini ta' solidarjetà u saħħa, il-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini u li tingħata attenzjoni speċjali lil persuni li jgħixu b'diżabbiltà u lill-anzjani".

Patricia Blanc ([Imagine for Margo](#) - Children without cancer) temmen li l-virus tal-COVID-19 qiegħed is-saħħa fil-qalba tat-tħassib pubbliku. Hija tkegġeg: "Ejja ma ninsewx li l-kanċer u l-mard rari jaffettwaw lil miljuni ta' nies fl-Ewropa kull sena".

Joël Destom ([MIAG](#), [AG2R La Mondiale](#)) jittama li "l-kliem ewlieni tal-Presidenza Franċiża, li huwa l-irkupru, l-appartenenza, is-setgħa, u l-kwistjonijiet soċjali, diġitali u klimatiċi, jidwi saħansitra aktar fit-territorji ekstra-Ewropej".

Arnaud Schwartz ([FNE](#)) irid li l-Presidenza Franċiża tkun "ambizzjuża fi kliemha iżda wkoll fl-azzjonijiet tagħha, billi timplimenta b'mod korrett il-leġiżlazzjoni ambjentali".

Laurence Sellos ([Kamra tal-Agricoltura ta' Seine-Maritime](#)) tibża' li, fl-istat attwali tiegħu, il-Patt Ekoloġiku fil-qasam tal-agrikoltura se jnaqqas drastikament il-produzzjoni Ewropea. "Inħeġġu lill-Presidenza Franċiża tirrevedi din il-pożizzjoni biex ix-xjenza tgħin lill-agrikoltura tħaffef it-tranżizzjoni agroekoloġika tagħha u tgħinna nindirizzaw l-isfida tat-tibdil fil-klima," qalet is-Sinjura Sellos.

Fl-aħħar, **Thierry Libaert** ([FNH](#)) jemmen li "l-Ewropa tirrappreżenta ambizzjoni formidabbli li tilfet il-momentum u mhijiex trasparenti." Huwa qal: "Il-Presidenza Franċiża tal-UE hija opportunità eċċellenti biex

iċ-ċittadini jingħaqdu mill-ġdid mal-Ewropa. Għalhekk ejja nitkellmu inqas dwar l-Ewropa u iktar dwar l-Ewropej.”

Żur is-sit web tal-Kumitat biex issir taf aktar dwar il-ħidma tal-Grupp Diversità Ewropa b'rabta mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u fil-kuntest tal-Presidenza Franċiża. (jk)

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



“Ibqg?u mag?na”: wirja tar-ritratti li turi s-sitwazzjoni wara t-terremot fil-Kroazja

Il-KESE qed jospita wirja tar-ritratti sena wara t-terremot katastrofiku li heżżeż lill-Kroazja f’Diċembru 2020.

Intitolata “Ibqgħu magħna”, din il-ġabra ta’ 25 ritratt hija sejħa għal sensibilizzazzjoni dwar l-impatt devastanti tad-diżastri naturali fuq kull tip ta’ attività umana, soċjali u kummerċjali.

Ir-ritratti juru ħaddiema tas-sengħa li tilfu l-ħwienet tagħhom u li ma kellhom l-ebda mezz ieħor biex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom, però baqgħu jspiraw lin-nies bl-eżempju li taw, billi baqgħu magħquda u pożittivi.

Ir-ritratti jiffokaw fuq ir-reġjuni ta’ Sisak, Petrinja, Glina u ż-żoni tal-madwar, il-fdalijiet u l-ħafna kwistjonijiet li għad iridu jiġu indirizzati biex is-sitwazzjoni terġa’ lura għan-normal, sena wara t-terremot.

Il-wirja se tibda fil-**15 ta’ Frar** u tibqa’ għaddejja sal-**15 ta’ Marzu 2022** u se tkun kompletament online fuq is-sit web tal-KESE. (ck)



L-Ekonomija Ġirkolari u l-mużika

Fit-2 ta’ Marzu, il-KESE ser jospita wirja speċjali intitolata “Music with Trash” bħala parti mill-Konferenza tiegħu tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ġirkolari (ECESP) 2022.

Il-prestazzjoni se ssir mit-[triju tal-perkussjoni internazzjonali TrashBeatz](#). Se tlaqqa' flimkien ma' sessjonijiet ta' ħidma mal-mużika mill-iskart.

“Aħna nagħtu ħajja oħra billi ndoqqu strumenti magħmulin mill-iskart”, jgħidu **TrashBeatz**.

Mil-lat ta' arti, l-aktar ħaġa naturali kienet li nissieħbu mal-konferenza ibrida tal-ECESP ta' din is-sena, intitolata “Lejn normalità ġdida: Prodotti sostenibbli għal konsum sostenibbli”.

Il-konferenza annwali tal-ECESP se ssir fl-1 u t-2 ta' Marzu u se tkun ospitata b'mod konġunt mill-KESE u l-Kummissjoni Ewropea. Aktar tagħrif dwar l-avveniment jinsab fis-sit web tal-[ECESP](#). (ck)



Dalwaqt se ji?i ?velat l-avveniment “Il-verità dwar il-gideb”

Filwaqt li l-KESE qed iħejji ruħu biex jilqa' 99 student tal-iskola sekondarja u l-għalliema li se jakkumpanjawhom għall-avveniment tiegħu tal-2022 iddedikat għaż-żgħażaġħ bit-tema “Il-verità dwar il-gideb. **Iż-żgħażaġħ**

jiġġieldu d-diżinformazzjoni”, il-membri tal-KESE li jaġixxu ta' mentors qegħdin iżuru l-iskejjel magħżula sabiex jiltaqgħu u jiskambjaw fehmiet mad-delegazzjonijiet li se jipparteċipaw fl-avveniment “L-Ewropa Tiegħek, Leħnek”.

Dawn il-laqqgħat jidhru fuq il-pjattaforma interattiva tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa taħt il-kapitoli “Żgħażaġħ” u “Demokrazija parteċipattiva”.

“Il-verità dwar il-gideb. Iż-żgħażaġħ jiġġieldu d-diżinformazzjoni” huwa t-titolu magħżul għall-edizzjoni ta' din is-sena “[L-Ewropa Tiegħek, Leħnek](#)”, l-avveniment ewlieni tal-KESE għaż-żgħażaġħ. Dan se jsir kompletament mill-bogħod fil-31 ta' Marzu u l-1 ta' April 2022. Il-programm issa [jinsab online](#). (ck)



?ranet tas-Soċjetà ?ivili 2022

Bit-titolu “L-UE bħala mutur għall-prosperità kondiviża - is-soċjetà ċivili għal ekonomija li taħdem għan-nies u għall-pjaneta”, il-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2022 ser isiru mill-15 sas-17 ta' Marzu 2022.

Il-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2022, li se jsiru fi żmien kruċjali għall-Ewropa, bil-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li tinsab fl-aħħar stadji tagħha, se jesploraw kif l-Ewropa tista' tkun aktar reżiljenti permezz ta' tranżizzjoni ġusta li tkun ta' benefiċju għan-nies u għall-ambjent, u fl-istess ħin iżżid il-prosperità Ewropea.

Din it-tranżizzjoni għandha tiddefendi u tippromovi d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali tal-UE: id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali, is-solidarjetà u l-ugwaljanza. Is-sena 2021 wriet li kienet test ta' reżistenza f'dan ir-rigward. Bħala difensuri, aġenti tal-bidla u gwardjani tal-ġid komuni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol kruċjali fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-livelli kollha.

Is-suġġetti ewlenin li ġejjin se jiġu diskussi waqt seba' workshops interattivi, li se jiġu organizzati b'mod ibridu jew kompletament online:

- Opportunitajiet ta' titjib tal-?iliet g?al kul?add;
- Djalogi inter?enerazzjonali bejn l-intraprendituri tal-Unjoni Ewropea;
- Voluntiera g?all-prosperità;
- Ambjent favorevoli g?as-so?jeta ?ivili: il-ka? g?al parte?ipazzjoni sinifikanti;
- Il-bini ta' ekonomija demokratika g?al tran?izzjoni ?usta;
- Ekonomija so?jali tas-suq ekolo?ika g?all-Futur tal-Ewropa;
- Il-Futur tal-Protezzjoni So?jali u s-Sistemi So?jali Ewropej: il-ka? ta' skemi ta' introjtu minimu u a??ess g?al servizzi so?jali ta' kwalità.

L-introduzzjoni u l-konklużjoni tal-workshops se jsiru f'forma ta' panels ta' diskussjoni ta' livell għoli fis-sessjonijiet ta' ftuħ u ta' għeluq.

Il-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2022 se jiġu organizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, bil-kooperazzjoni tal-[Grupp ta' Kuntatt](#) tiegħu.

Għal aktar informazzjoni dwar il-programm, il-kelliema u l-workshops, jekk jogħġbok iċċekkja l-[paġna web tal-avveniment](#), li tiġi aġġornata regolarmet, u segwina fuq Twitter @EESC_LiaisonG #CivSocDays. (ks)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Chrysanthi Kokkini (ck)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Jasmin Kloetzing (jk)
Karen Serafini (ks)
Katharina Radler (kr)
Katerina Serifi (ks)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbag?at link lill-[editur](#).

03/2022